MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 52/2005

It-Tribunal ;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici is-somma Lm176.05 bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenuta in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru : 99885321.

Il-konvenuta interpallata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interssi kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f;din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.”

Ra li l-konvenut giet debitament notifikata bl-avviz fis-17.06.2005.

Ra l-kapitoli ipprezentati mis-socjeta attrici u approvati mill-Tribunal fis-seduta tallum.

Billi il-konvenuta ma deheritx u dan bla ma giebet ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra taghha;

U billi l-ammont pretiz m’huwiex iktar minn Lm250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ ta-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ LM176.05 hlas ghal servizzi resi mis-socjeta’ attrici bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz tat-talba u bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------